MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2395/2002

**Avviz Numru 2395/02 AJD**
**Bartolomeo Bonnici**

**vs**

**John Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm137.00) rappresentanti in kwantu ghal Lm63.00 bhala arretrati ta’ kera gravanti l-fond ossia garax f’Tal-Balal, San Gwann u in kwantu ghal Lm74.00 bhala konsum ta’ dawl u ilma gravanti l-istess fond.
Bl-ispejjez, ikluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta’ Settembru 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut, ghlkemm deher fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2002 fejn informa lit-Tribunal li kien hemm possibilita’ ta’ transazzjoni, baqa’ ma prezentax risposta fir-rigward tat-talbiet attrici.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Edward Gatt in rappresentanza tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm137.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**